MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1672/2002

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bala agenti ta' AXA Insurance plc kif srrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta-assigurat taghhom Anthony Vella u l-istess Anthony Vella f'ismu proprju**

**vs**

**Carmel Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' elf erbgha mija u tmienja u disghajn lira Maltija (Lm1498), danni mhallsa mill-attur nominee fuq vettura FBA 946 assikurata comprehensive hlief ghal mija u hamsin lira Maltija (Lm150) excess u ghal liema somma l-attur huwa surrogat fid-drittijiet ta' Anthony Vella u dan b'rizultat ta' incident tat-traffiku li sehh fl-10 ta' Ottubru 2000 gewwa l-Imgarr, meta waqt li kien qieghed isuq il-

vettura MAX 711 habat mal-vettura bin-numru FBA 946 ta' Anthony Vella u misjuqa minn Alan Vella, u ghal liema incident huwa unikament responsabbli.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda.

Ra d-dokumenti.

Ikkusidra:

1. Il-punti ta' riljev huma s-segwenti:-

(a) Fl-10 ta' Ottubru 2000 sehh incident fi Triq Fisher, Mgarr.

(b) Il-vettura FBA 946 tal-marka Daihatsu Cuore kienet qeghda tinstaq mnn Alan Vella. Din il-vettura baqghet diehla fil-faccata ta' l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imgarr.

(c) Xhieda okulari ghall-incident ma kienx hemm.

(d) Il-verzjoni tal-fatti moghija minn Alan Vella kif riportata fl-okkorrenza [fol. 10]:-

***"jiena kont gej minn naha tal-Barri Restaurant u f'daqqa wahda kif kont sejjer lejn l-Ghassa ta' l-Imgarr vettura no MAX 711 tal-ghamla Golf harget mill-parking taghha li kien man-naha l-ohra ta' l-Ghassa, f'direzzjoni lejn il-knisja u biex nevitah gbitt lejn ix-xellug*** **[recte lemin]** ***fejn sfortunatament dhalt fil-bieb ta' l-Ghassa ta' l-Imgarr"***.

Meta xehed quddiem it-Tribunal [seduta tat-12 ta' Novembru 2002] iddikjara li:

(i) Kien qieghed isuq bi speed ta' bejn 30 u 35 km fis-siegha.

(ii) Meta ra l-vettura tal-konvenut ticcaqlaq l-ewwel darba, *“kont bejn wiehed u iehor xi distanza ta’ sitt vetturi minn din il-vettura tal-konvenut”* [fol. 34].

(e) Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenut kif riportata fl-okkorrenza [fol. 10]:

***“Jiena kont ipparkjat naqra l-isfel mill-Ghassa, faccata, xeghelt l-indikatur lejn ix-xellug biex naqsam lejn in-naha ta’ l-Ghassa u f’daqqa wahda rajt il-vettura no FBA 946 li kienet gejja minn faccata u baqat diehla go l-ghassa”***.

Fix-xhieda moghtija minnu fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2002 il-konvenut iddikjara li:

--------------------------------TMIEM--------------------------------